MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-23 ta' April, 2015

Rikors Numru. 65/2015

**AB**

**-vs-**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, wara li ppremettiet :

Illi l-partijiet izzewwgu fit-13 ta’ Frar 1999 fil-Knisja ta’ San Martin, Bahrija (Dok A anness) u minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt ippubblikat min-Nutar Dr Elena Farrugia fid-19 ta' Mejju 2010 (Dok B anness);

Illi ma jezisti ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom minhabba illi ilhom snin twal mifrudin u jghixu hajja totlament separata minn xulxin u sahansitra l-esponenti ghandha rabta ma persuna ohra / familja gdida;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi qed jigi anness ukoll ma dan ir-rikors l-affidavit tar-rikorrenti nnifisha (Dok C);

Talbet sabiex l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet; u
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza' lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat in-nota guramentata tal-intimat li permezz taghha informa lill-Qorti li ma isib l-ebda oggezzjoni illi z-zwieg tieghu ma l-attrici, Rosemarie Portelli, li sar fit-13 ta' Frar 1999 jinhal u jikkonferma illi huwa ilu separat mill-attrici ghal perjodu ta' iktar minn erbgha (4) snin u li ma hemm l-ebda possibilita ta' rikonciljazzjoni;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-18 ta' Frar, 2015;

Rat in-nota guramentata tal-intimat li permezz taghha informa lill-Qorti li ma isib l-ebda oggezzjoni illi t-talbiet tar-rikorrenti jigu milqugha;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mid-19 ta' Mejju 2010 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------